Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' Ġunju 2025**
**(OR. en)**

**7819/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0213 (CNS)**

**FISC 93**
**ECOFIN 401**
**ENER 97**
**ENV 240**
**CLIMA 102**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija<br>- Rapport ta' progress |

Ir-rapport ta' progress li jinsab fl-Anness ta' din in-nota jippreżenta l-fehmiet tal-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali u l-progress li sar fl-eżami tal-proposta msemmija hawn fuq fl-ewwel nofs tal-2025.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza li jinsab fl-Anness ta' din in-nota u jgħaddih lill-Kunsill.

Il-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) huwa mistieden jieħu nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza li jinsab fl-Anness ta' din in-nota, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

**Reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija**

**Rapport ta' progress tal-Presidenza**

## I. INTRODUZZJONI

1. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tirriforma l-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni)[1], ("il-proposta tal-ETD").

2. Il-proposta tal-ETD hija parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %"[2], li għandu l-għan li jimplimenta l-miri ambizzjużi tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet b'tal-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Il-pakkett jikkonsisti minn sett ta' proposti interkonnessi, li lkoll għandhom l-istess għan li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta, kompetittiva u ekoloġika sal-2030 u lil hinn. Ikopri firxa ta' oqsma ta' politika u setturi ekonomiċi: il-klima, l-enerġija u l-karburanti, it-trasport, il-bini, l-użu tal-art u l-forestrija.

3. Il-proposta tal-ETD għandha l-għan li tilħaq l-objettivi li ġejjin:

   (a) tipprovdi qafas xieraq li jippermetti kontribut għall-ilħuq tal-miri tal-Unjoni sal-2030 u għan-newtralità klimatika sal-2050 fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dan jinvolvi l-allinjament tat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku mal-politiki tal-UE dwar l-enerġija, l-ambjent u l-klima u b'hekk jikkontribwixxi għall-isforzi tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet;

   (b) tipprovdi qafas li jippreserva u jtejjeb is-suq intern tal-UE billi taġġorna l-ambitu tal-prodotti tal-enerġija li huma taxxabbli u l-istruttura tar-rati, u billi tirrazzjonalizza l-użu tal-eżenzjonijiet u tnaqqis tat-taxxa mill-Istati Membri; u

   (c) tippreserva l-kapaċità li jiġi ġġenerat dħul għall-baġits tal-Istati Membri.

[1] 10872/21.
[2] 10849/21.

4. Fil-fehma tal-Kummissjoni, dawn l-objettivi jinkisbu permezz ta' tranżizzjoni minn tassazzjoni bbażata fuq il-volum għal tassazzjoni bbażata fuq il-kontenut ta' enerġija, billi tiġi stabbilita klassifikazzjoni tar-rati skont il-prestazzjoni ambjentali tagħhom u billi jiġu limitati l-inċentivi għall-użu tal-fjuwils fossili. Skont din il-klassifikazzjoni, il-fjuwils fossili konvenzjonali, bħaż-żejt tal-gass u l-petrol ser jiġu ntaxxati bl-ogħla rata u l-elettriku b'dik l-aktar baxxa.

5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Jannar 2022[3] u l-Kumitat tar-Reġjuni fis-27 ta' April 2022[4]. L-opinjoni tal-Parlament Ewropew għadha pendenti.

## II. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL

6. L-analiżi tal-proposta tal-ETD tnediet fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Indiretta - Dazji tas-Sisa/Tassazzjoni fuq l-Enerġija) (WPTQ) f'Settembru 2021. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli) (HLWP) iddiskuta l-fajl f'diversi okkażjonijiet.

7. Fis-7 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill (ECOFIN) ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza dwar il-proposti tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li kopra wkoll il-proposta tal-ETD[5]. Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill (ECOFIN) ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza dwar il-proposta tal-ETD[6]. Fis-6 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill (ECOFIN) kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposta tal-ETD[7] u ta gwida politika dwar it-triq 'il quddiem. B'mod ġenerali, il-ministri appoġġaw l-approċċ aktar flessibbli tal-Presidenza u talbu biex jinstabu soluzzjonijiet għal kwistjonijiet pendenti.

8. Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill (ECOFIN) kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposta tal-ETD[8] u pprovda gwida politika.

9. B'kunsiderazzjoni tal-gwida politika, kompliet l-analiżi teknika fil-korpi preparatorji tal-Kunsill.

[3] 5615/22.
[4] 7822/25.
[5] 14574/21.
[6] 9874/22.
[7] 14736/22.
[8] 16174/24 REV 1.

## III. IL-PROGRESS LI SAR FL-EWWEL NOFS TAL-2025

10. Abbażi tal-progress miksub mill-presidenzi preċedenti, il-Presidenza Pollakka kompliet il-ħidma fuq ir-reviżjoni tal-ETD. Il-fajl ġie analizzat fil-laqgħat tad-WPTQ fit-30 ta' Jannar, fl-1 ta' April u fl-20 ta' Mejju 2025.

11. Matul l-ewwel semestru tal-2025, abbażi tad-diskussjonijiet fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma, il-Presidenza ħejjiet tliet settijiet ta' test ta' kompromess sħiħ u t-test ta' kompromess l-aktar reċenti ġie ppreżentat lid-WPTQ tal-20 ta' Mejju[9]. Barra minn hekk, il-Presidenza ppreżentat l-analiżi tagħha ta' dispożizzjonijiet speċifiċi f'noti ta' spjegazzjoni, li ffaċilitaw id-diskussjonijiet u għenu biex isir progress lejn soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet pendenti.

12. Wieħed mis-suġġetti diskussi kien dwar kif jinkiseb l-għan komuni li l-industriji tal-UE jibqgħu kompetittivi fil-kuntest globali li qed jinbidel u x'jista' jkun ir-rwol tat-tassazzjoni fuq l-enerġija f'dan il-kuntest. Il-Kummissjoni ppreżentat l-aspetti tat-tassazzjoni fuq l-enerġija tal-komunikazzjonijiet tagħha "Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni"[10], "Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli - Nisfruttaw il-valur reali tal-Unjoni tal-Enerġija tagħna biex niżguraw enerġija affordabbli, effiċjenti u nadifa għall-Ewropej kollha"[11], "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE"[12] u "Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Azzar u l-Metalli"[13]. Fid-dawl ta' dawn il-komunikazzjonijiet, il-Presidenza tqis li s-setturi intensivi fl-enerġija, bħall-proċessi mineraloġiċi u metallurġiċi, jeħtieġu aktar appoġġ. Għalhekk, skont il-Presidenza, huwa ġġustifikat li l-Istati Membri jitħallew ikomplu jagħtu appoġġ fil-forma ta' esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

[9] 9008/25.
[10] 6515/25.
[11] 6601/25.
[12] 5785/25.
[13] 7288/25.

13. Karatteristika ġdida, introdotta mill-proposta tal-ETD, hija d-dispożizzjoni għall-indiċjar awtomatiku tal-livelli minimi ta' tassazzjoni. L-objettiv tal-indiċjar huwa li tiġi evitata l-erożjoni tal-impatt ekonomiku tal-ETD maż-żmien. Il-Presidenza ffaċilitat id-diskussjoni dwar l-arranġamenti tal-indiċjar, b'mod partikolari l-bażi taż-żmien u l-limitu massimu tal-indiċjar.

14. Il-kunċett ta' "użu uniku" u "użu uniku differenti" ġew iċċarati. Peress li dawn it-termini qajmu dubji dwar l-interpretazzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, il-Presidenza bdiet diskussjoni bl-għan li tiċċara t-tifsira tagħhom. Xi użi speċifiċi tal-prodotti tal-enerġija u tal-elettriku f'ċerti setturi tal-ekonomija li fihom jintużaw il-prodotti tal-enerġija jew l-elettriku, jistgħu jeħtieġu appoġġ addizzjonali. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu japplikaw livelli mnaqqsa speċifiċi ta' tassazzjoni (eżenzjonijiet sħaħ mid-dazji tas-sisa jew rati tat-taxxa mnaqqsa) għal tali użi speċifiċi. Każijiet bħal dawn ġew indikati fit-test ta' kompromess bħala "użu uniku differenti". Bħala riżultat ta' din id-diskussjoni, tressaq l-argument li l-kunċett ta' "użu uniku differenti" huwa subsett tal-kunċett usa' ta' "użu uniku". Fl-istess ħin, deher neċessarju li jinżamm il-kunċett ta' "użu uniku" peress li qed jirreferi għall-każijiet kollha ta' użu ta' prodotti tal-enerġija u tal-elettriku li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva–jiġifieri, dawk li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' użu doppju ta' prodotti tal-enerġija u tal-elettriku. It-terminu "użu uniku" inżamm fit-test ta' kompromess iżda d-diskussjonijiet li nbdew mill-Presidenza għenu biex isir progress lejn il-kjarifika ta' dan il-kunċett sabiex l-operaturi ekonomiċi, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u ċ-ċittadini jkunu jistgħu jifhmu u jinterpretaw aħjar it-test tad-Direttiva futura.

15. Id-delegazzjonijiet qajmu l-kwistjoni ta' installazzjonijiet żgħar li jikkunsmaw l-elettriku għall-użu proprju prodott minnhom minn sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli li diġà ġew intaxxati. L-ETD applikabbli bħalissa tippermetti lill-Istati Membri, dment li l-inputs tal-enerġija jiġu ntaxxati, jeżentaw l-output tal-elettriku ta' produtturi żgħar meta dan ikun għall-użu proprju. Il-proposta tal-ETD żammet l-għan ġenerali tar-reġim tal-produtturi ż-żgħar; madankollu, ġie introdott limitu biex jiddefinixxi installazzjonijiet żgħar. Dan ġie introdott bl-għan li tiġi mmirata l-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u biex titqies il-possibbiltà li installazzjonijiet fuq skala kbira jistgħu jgawdu minn benefiċċju tat-taxxa sproporzjonat. Madankollu, dan wassal biex tiġi limitata l-possibbiltà li jiġu eżentati installazzjonijiet żgħar li jikkunsmaw l-elettriku għall-użu proprju li jipproduċu minn sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli li diġà ġew intaxxati. Għal dik ir-raġuni l-Presidenza mmodifikat id-dispożizzjonijiet rilevanti fit-test ta' kompromess. B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri ser ikunu jistgħu: a) jeżentaw il-produzzjoni tal-elettriku għall-użu proprju meta l-prodotti tal-enerġija tal-input ma jkunux prodotti tal-enerġija taxxabbli (eoliċi, solari, skart, eċċ.). L-għan hawnhekk huwa li jiġi evitat piż tal-output bla bżonn għall-produtturi mhux professjonali jew żgħar ħafna, u li jiġi inċentivat l-iżvilupp ta' tali installazzjonijiet; b) jeżentaw l-elettriku prodott minn prodotti tal-enerġija li diġà ġew intaxxati skont id-Direttiva. Dan japplika għal każijiet fejn l-elettriku użat fil-proċessi industrijali jiġi ġġenerat mill-manifattur għall-użu proprju, pereżempju mill-gass naturali.

16. Wara li eżaminat it-talbiet ta' xi delegazzjonijiet, il-Presidenza ddeċidiet li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva l-iskart kollu użat għal finijiet ta' tisħin. Piż addizzjonali fil-forma ta' dazju tas-sisa jista' jwassal għal żieda fil-prezzijiet tas-servizzi pprovduti mill-kumpaniji li jiġbru l-iskart u r-rimi tiegħu. B'konsegwenza ta' dan, jista' jkun hemm żieda fil-każijiet ta' awtoinċinerazzjoni tal-iskart minn entitajiet individwali, li, fin-nuqqas ta' infrastruttura xierqa, tista' twassal għal tniġġis akbar tal-atmosfera b'gassijiet dannużi, jew għal rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, minħabba żieda fl-esportazzjonijiet tal-iskart 'il barra mill-UE. Għalhekk, iż-żamma tal-esklużjoni tal-iskart mill-kamp ta' applikazzjoni tal-abbozz tal-ETD skont il-Presidenza hija ġġustifikata.

17. Saru xi modifiki fit-test ta' kompromess bl-objettiv li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u li l-ETD futura tiġi allinjata ma' atti leġiżlattivi rilevanti oħra. B'mod partikolari, fil-każ ta' emendi futuri tal-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001 (id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, RED II), il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati sabiex temenda l-Anness III tal-ETD futura sabiex tinġieb konformi mal-verżjoni riveduta tal-RED II. Il-bidliet meħtieġa saru wkoll fil-lista ta' oġġetti ta' materja prima għall-produzzjoni ta' "bijokarburanti, bijolikwidi u bijogass avvanzati" (l-Anness III tat-test ta' kompromess tal-ETD).

18. Barra minn hekk, sabiex it-tabella ta' konverżjoni tal-valuri kalorifiċi netti (l-Anness II tat-test ta' kompromess tal-ETD) tinġieb f'konformità man-Nomenklatura Magħquda (NM), il-Presidenza aġġornat id-deskrizzjonijiet li jinsabu fil-kolonna "Isem tal-prodott", kif ukoll xi wħud mill-kodiċijiet NM.

19. F'verżjoni preċedenti tat-test ta' kompromess ġie stipulat li l-Kunsill jista' jadotta atti ta' implimentazzjoni biex jibdel il-kategorija ta' kwalunkwe prodott tal-enerġija meta l-kategorija tiegħu tkun inkonsistenti mal-prestazzjoni ambjentali tiegħu. Madankollu, ġie enfasizzat matul id-diskussjoni li, skont it-TFUE, l-att bażiku normalment ma jistax jiġi emendat b'att ta' implimentazzjoni. It-tibdil tal-kategorija tal-prodott tal-enerġija jista' jitqies bħala element essenzjali tal-proposta tal-ETD. Irriżulta li għażla legalment vijabbli tkun li s-setgħa tiġi ttrasformata fi klawżola ta' rieżami, u l-Presidenza rrevediet it-test ta' kompromess kif xieraq.

20. Il-premessi ġew aġġustati aktar għall-fini tal-konsistenza mal-parti operattiva tal-proposta tal-ETD.

21. Id-delegazzjonijiet tennew il-pożizzjonijiet tagħhom diġà magħrufa sew dwar xi kwistjonijiet oħra. Madankollu, il-Presidenza ma reġgħetx fetħet id-diskussjonijiet dwarhom peress li tqis li ġew diskussi bir-reqqa matul is-snin preċedenti u t-test jirrappreżenta kompromess fraġli.

## IV. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM POSSIBBLI

22. Fil-fehma tal-Presidenza, is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati tirrappreżenta bilanċ delikat bejn il-fehmiet differenti tad-delegazzjonijiet, filwaqt li jitqies ukoll l-aspett tal-kompetittività li ġie enfasizzat reċentement minn ħafna delegazzjonijiet. Il-kwistjonijiet kollha tal-proposta tal-ETD ġew diskussi bir-reqqa mill-bidu tan-negozjati u l-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet huma ġeneralment magħrufa sew, għalkemm xi wħud minnhom evolvew.

23. Madankollu, ser tkun meħtieġa aktar ħidma sabiex jiġu rrikonċiljati l-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet. Il-Presidenza tirrikonoxxi wkoll li huma meħtieġa xi aġġustamenti tekniċi u skrutinju legali tat-test ta' kompromess. Il-Presidenza tinnota li d-delegazzjonijiet huma determinati li jkomplu l-ħidma fuq il-bażi tal-progress li sar s'issa.

## V. KONKLUŻJONI

24. F'dan il-kuntest, il-Presidenza Pollakka tistieden lill-Kunsill jieħu nota ta' dan ir-rapport, bil-ħsieb li javvanza n-negozjati waqt li jibni fuq il-progress li sar s'issa.